MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru 1186/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**CARMEN BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmen Buhagiar nee’ Azzopardi ta’ 47 sena, bint Vincent Azzpardi u Carmela nee’ Galea, imwieled ir-Rabat (Malta), nhar il-28/06/1963 u residenti gewwa fond b numru 39 Triq il-Katakombi, Rabat (Malta), detentura tal-karta tal-identita’ numru 366963M

Billi giet akkuzata:

1. talli fl-1 ta' Awissu 2010 u matul ix-xhur ta' qabel, gewwa r-Rabat (Malta) u f'postijiet ohra gewwa Malta, mexxiet biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' l- 20 euro, meta kienet taf li huma falsifikati:

2. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtrat jew irceviet minghand xi persuna, kif ukoll kellha fil-pussess taghha, biljetti tal-flus u cioe' karti ta' l-20 euro falsifikati, meta kienet taf li l-istess huma falsifikati;

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk filwaqt il-prcedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha jekk u skond ma jista jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 50 (3) tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara ukoll li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 23 tal-Kap. 9 u l-artikoli 45(1) u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Carmen Buhagiar, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Carmen Buhagiar ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputata Carmen Buhagiar tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tal-flus foloz esebiti f'din il-kawza bhala Dok. MRP 1 u Dok. MRP 2 u wara li rat l-artikolu 50(3) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li tramite ir-Registratur tal-Qrati dawn il-flus foloz ghandhom jigu mghoddija lill-Bank Centrali ta' Malta. Il-Qorti tordna li wara li r-Registratur tal-Qrati jaghmel dan hu ghandu jaghmel Rapport bil-miktub dwar dan, liema Rapport ghandu jigi presentat fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza u ghaldaqstant tordna li kopja ta' din is-Sentenza ghandha tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Carmen Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------